MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Bernard Zarb)**

**vs**

**Joseph Mary Fabri ta' 21 sena, iben Alfred u Edwina nee Agius Gilibert, mwieled Pieta', fit-13 ta' Novembru, 1981 u residenti 'Stella Maris', Triq James Smit, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 612481 M.**

**Ronald Muscat ta' 45 sena bin Edward u Ludgarda nee Bartolo, mwieled Valletta, fid-9 ta' Dicembru, 1956 u residenti 'Sirens Court', Flat 1, Triq Efesu, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta Ta' l-identita' bin-numru 803556 M.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Joseph Mary Fabri u Ronald Muscat li gew akkuzati talli fit-13 ta' Jannar, 2002 u fiz-zmien ta' qabel, u dak ta' wara, fil-fond The Cockerel Bar li jinsab San Pawl il-Bahar, u fi bnadi ohra ta' dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dizpozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda

(1) fl-istess perjodu, bnew, bidlu, ghamlu, ippossedu, bieghu jew xtraw xi apparat li bih kienu jistghu jikkonnettu kontra l-ligi ma' sistema ta' telekomunikazzjoni, u dan bi ksur ta' l-artikolu 298A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(2) Fl-istess perjodu, volontarjament qatghu, kissru, waqqghu, ddistruggew, ghamlu hsara jew nehhew batterija, makkinarju, fil-gumni, arblu jew materjal iehor jew kull haga ohra li taghmel parti minn telegrafu, elettriku jew manjetiku, bil-fili jew minghajr fil, jew li tkun uzata jew li sservi f'dan it-telegrafu, jew fit-thaddim tieghu, jew ghamlu xihaga li zzomm jew tfixkel b'xi mod iehor il-moghdija minn banda ghal ohra ta' messagg, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 326 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(3) Kif ukoll, fuq talba tar-Regulatur tat-Telekomunikazzjonijiet, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-gzejjer ipprovdew servizz ta' telekomunikazzjonijiet jew installawe jew haddmu infrastruttura ta' installazzjoni taht u skond xi dispozizzjoni ta' l-Att biex jirregola t-Telekomunkazzjoni jew bi vjolazzjoni jew ksur ta' xi patt, kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni imposti minn jew taht l-Att biex jirregola t-telekomunikazzjoni jew fl-istrument li jkun fih l-

awtorizzazzjoni, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 399 (1) (a) tal-kap 39 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(4) Kif ukoll, fuq talba tar-regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet, fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, f’dawn il-gzejjer, bieghu jew offrew ghall-bejgh jew ipprovdew, jew installaw jew uzaw xi installazzjoni jew apparat li ma jkunx konformi ma’ dawk l-istandards teknici jew specifikazzjonijiet hekk mehtiega jew stabbiliti minn jew taht l-att biex jirregola t-Telekomunikazzjoni, jew li kienu jafu, jew kellhom raguni valida ghaliex jobsru, li kienu difettuzi jew inkompatibbli mas-servizzi li jkunu nbieghu, gew provduti, installati jew uzati ghalihom, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 39(1)(b) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta’ Malta,

(5) Kif ukoll fuq talb tar-Regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet, fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, f’dawn il-gzejjer, uzaw xi sistema jew apparat ta’ telekomunikazzjonijiet provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih kienu gew provduti, jew naqsu milli josservaw dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamlu uzu minnu mhux sew, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 39(1)(d) tal-kap 399 tal-Ligijiet ta’ Malta

B’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b’ohra sabiex igieghlu jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh b’qerq bi hsara ta’ Joseph Camilleri u diversi persuni ohra, dan bi ksur ta’ l-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Lil Joseph Mary Fabri wahdu:

Talli fl-istess cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Dan bi ksur ta’ l-artikolu 3 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukoll fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT:

Talli kellu fil-pussess tieghu billi kellu depozitat ghandu, u/jew taht il-kontroll tieghu senter Belgjan, minghajr la marka u lanqas numru tas-serje. L-importazzjoni ta’ dan l-oggett hija projbita u/jew ristretta, u ghandu valur totali ta’ Lm 40 dazju Lm 2.25, u li fuqhom kellha tithallas Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm 6.38, liema taxxa ma gietx imhallsa u jew kawtelata

U dan bi ksur ta’ l-Artikoli 60(a)(b)(c)(k), l-Artikolu 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) tal-proviso tal-Artikolu 62 ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 u wkoll bi ksur ta’ l-artikolu 80 ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII ta’ l-1998)

Rat il-verbal fejn il-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni ta’ gudizzju in vista ta’ l-ammissjoni ta’ Joseph Mary Fabri fejn il-Qorti laqghet it-talba ghas-separazzjoni tal-gudizzju, ghaldaqstant din is-sentenza hi biss fil-konfront ta’ **JOSEPH MARY FABRI**.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat ukoll li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji kif ukoll li l-akkuzat irregistra l-ammissjoni tieghu anke wara li nghata d-debita zmien jahseb fuq l-istess ammissjoni ai termini ta’ l-artikolu 453 tal-Kap 9 (vide verbal a fol 24).

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

In vista ta’ l-ammissjoni tieghu qed issibu hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu ghajr ghat-tielet akkuza in kwantu l-Kap 39 ma jinkwadrax fil-kaz in dizamina u lanqas ma l-akkuza hemm riflissa, u dan wara li rat l-artikoli 298(a),

326, 308, 309, 310 tal-Kap 9 ta’ l-artikoli 39(1)(b), 39(1)(d) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta’ Malta. Rat ukoll l-artikolu 3 tal-Kap 66, l-art 60 u 62 tal-Kap 37 kif ukoll l-art 80 ta’ l-Att XXIII tal-1998. Rat ukoll l-Art 17 tal-Kap 9. Rat ukoll il-fedina penali ta’ Fabri a fol 17 kif ukoll id-dokumenti a fol 34 u 37 tal-process. Ghaldaqstant qeghda in vista ta’ l-ammissjoni bikrija tieghu u wara li rat l-art 28A tal-kap 9 tikkundannah ghal sentejn habs sospizi ghal erba’ snin, timmultah is-somma ta’ Lm 88.90 u tordna wkoll il-konfiska tas-senter esebit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------